**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022**

**Rikors nru: 597/2021 AGV :**

**ABC**

***vs***

**DEFG**

**Il-Qorti rat ir-Rikors ġuramentat ta' AB, datat 3 ta' Dicembru 2021 fejn espona** bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma;

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-Qorti tal-Istat Ċivili ta’ Al-Karkh fis-7 ta’ Diċembru tal-1992;

2. Illi dan iż-żwieġ ġie sussegwentement irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta;

3. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom żewġt itfal li huma t-tnejn maġġorenni u ta’ mezzi indipendenti;

4. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall fis-26 ta’ Ottubru 2021, kopja tal-istess kuntratt hawn annessa u mmarkata bħala **‘Dok. A’**;

5. Illi kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, il-partijiet kienu ftehmu li jirrinunzjaw għad-drittijiet rispettivi tagħhom milli jitolbu l-manteniment mingħand xulxin;
6. Illi m’hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom għal aktar minn erba’ snin ma jgħixux flimkien u ilhom separati *de facto* minn xulxin għal aktar minn erba’ snin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Għaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili;

1. **Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet;**

2. **Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.**

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Gimgha 14 ta' Jannar 2022, dehret l-intimata li mhux qed toggezzjona ghal tali divorzju u ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghal sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**